**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 286/2023***

**Il-Pulizija**

**vs**

**Iyad Zbaida**

Illum, 30 ta' Mejju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Iyad zbaida** detenur tal-karta tal-identita Maltija **162202L** akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Nadia Zbalda f'periklu čar, volontarjament ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-sahha, u ċice offiża ta' natura hafifa fuq ommu l-istess Nadia Zbaida, hekk kif iċċertifikaha Dr. Ryan Falzonj (Med Reg 4320) mic- Centru tas-Sahha tal-Furjana;

2. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil ommu Nadia Zbaida; 3. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodiċi kriminali jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni; 4. Mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lil ommu Nadia Zbaida b'ġebel jew oggett

iehor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex ihebb għaliha; L-appellat akkużat ukoll talli nhar it-23 ta' Novembru 2020 bejn il-11:30a.m. u 11:50a.m. ġewwa Bormla:

5. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u ċioe' WPS41 Elaine Cassar u PC381 Jonathan Farrugia jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhhom, jew b'xi mod ichor, bla jedd, indaħal fi dmirhom, jew billi ġab fix-xejn jew hassar dak li ħaddiehor ikun għamel skont il- ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jaqa' taħt l-ebda dispożizzjoni oħra tal-liġi;

6. Talli kiser probation a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien ġie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr Charmaine Galea LLD, nhar it-13 ta' Novembru 2019, fejn ġie liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu;

7. Talli rrenda ruhu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis 6 ta' Lulju ,2023, Wara li rat Artikolu, 7, 31, 49, 50, 214, 221(1), 222(1)(a), 338(ee), 339(1)(b)(d)(e) tal-Kapitolu 9 kif ukoll Artikolu 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat hati u tikkundanah ghal piena ta' **sentejn (2) prigunerija**, illi b'applikazzjoni ta' **1-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum**. Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghati garanzija fil-konfront tal-parte civile, Nadia Zbaida u l-familjari taghha ai termini tal- Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lil imputat Iyad Zbaida b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mil-lum u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lil parte civile Nadia Zbaida u l-familjari tagħha. II-Qorti spjegat lil imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u

x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum. Illi fil-kaz odjern ma' gewx mahtura esperti u għalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward. Ai termini tal-Artikolu 392A (2) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xoghol, l-Avukat Generali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant **l-Avukat Generali**, preżentat fir-reġistru ta’ din l-Onorabbli Qorti nhar fit 28 ta’ Lulju , 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

1. Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil- konfront tiegħu; u

2. Thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena, billi minflok il-piena nflitta tinfliġġi piena idoneja u ġusta skont il-liġi.

<u>**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**</u>

Illi fit-12 ta' Lulju 2023, 1-esponent Avukat Generali rċieva l-atti tal-kawża u hassu aggravat bihom;

Illi l-aggravju tal-esponent huwa car u manifest u dan kif ser jiġi spjegat kif gej:

Illi l-appellat, inter alia, ġie akkużat li hu rečediv u li ghamel r-reat waqt ordni ta' probation u ammetta ghal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

Illi l-esponent jagħmel referenza ghal-artikolu 28A (7) (b) li jiddisponi s-segwenti:-

"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma ghandux isirf xi wiched mill-kazijiet li gejjin:-

(a) meta l-ikkundannat ikun diga qiegħed jiskontasentenza ta' prigunerija;

(b) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini tal-artikolu 50;

(c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skont l- Att dwar il-Probation."

Illi l-paragrafu (b) tas-subartikolu (7) tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li ordni bis-sahha tal-artikolu 28A(1) ma jistax issir meta l-ikkundanat ikun recidiv fit-termini ta' l-artikolu 50, kif ukoll meta r-reat ikun sar fil-perjodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kundizzjoni skont l-Att dwar il-Probation. Il-ligi f'dan ir-rigward hija carissima w inekwivoka.

Illi f'dan il-kaz l-appellat gie akkuzat inter alia bir-recidiva ai fini ta' Artikolu 50 kif ukoll illi r-reat sar fil-perjodu ta' probation skont l-Att dwar il-Probation, fejn l-appellat ammetta l-akkuzi kollha kontrih. Fil-fatt il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni tal-appellat, sostniet li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-appellat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontrih. Kwindi, hekk kif nstabet htija tar-recidiva kif ukoll ir-reat sar fil-perjodu ta' probation jirrafiguraw iz-zewg elementi li kellhom jiprojbixxu lill- Qorti tal-Magistrati milli tapplika Artikolu 28A.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Semghet il-partijiet jitrattaw nhar id-9 t' April 2024.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Illi dan l-appell tal-Avukat Generali hu bbazat fuq il-fatt illi l-Ewwel Qorti mponiet sentenza kontra l-ligi meta ddecidiet li tikkundanna lill-appellat ghal piena ta'

sentenza sospiza u dan stante li ma setghetx taghmlu ai termini tal-Artikolu 28A(7)(b) tal-Kodici Kriminali.

Illi minghajr telf ta' zmien din il-Qorti tghid illi huwa minnu li l-Ewwel Qorti ma setghetx timponi sentenza sospiza fil-kaz odjern. Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Anthony Galea</u>**[1] fejn f'dan ir-rigward gie ritenut hekk:

> *'Illi fl-Ewwel lok din il-Qorti ma tistax ma tosservax li minkejja sentenzi in materia moghtija minn din il-Qorti dawn l-ahhar sitt snin, il-Qrati tal-Magistrati qeghdin jaghtu decizjonijiet ripetuti fejn japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A meta jkun ovvju li skond il-ligi ma jistghux jaghmlu dan minnhaba dak li jghid l-artikolu 28A(7)(b). Dawn id-decizjonijiet li huma diametrikament kontra l-ligi mhux biss qed jaghtu hafna xoghol inutili lil din il-Qorti, imma sahansitra qeghdin, sa certu punt, jippregudikaw l-interessi tal-istess persuna misjuba hatja, li, komda bis-sentenza ta' prigunerija sospiza li tkun giet erogata, ma thossx il-htiega li tipprezenta appell minnha, umbaghad, wara ftit gimghat, tigi rinfaccjata b' appell intavolat mill-Avukat Generali biex sentenza ta' prigunerija sospiza tigi mibdula f' wahda effettiva.*
>
> *Dan mhux kaz ta' applikazzjoni hazina tad-diskrezzjoni da parti tal-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tas-sentenza sospiza jew kaz fejn il-Prosekuzzjoni ma tkunx tat l-informazzjoni dwar il-precedenti penali tal-hati lill-Ewwel Qorti, kif ghadu kif gie osservat minn din il-Qorti preseduta mis-Sinjorija Tieghu l-Prim' Imhallef, Dr. V. De Gaetano fis-sentenza recentissima: "**<u>Il-Pulizija vs. Roderick Barun</u>**" [10.7.2009], ghax f' dan il-kaz l-addebitu tar-recidiva gie dedott kontra l-appellat mill-Prosekuzzjoni w sahansitra gie minnu ammess. Lanqas hu kaz ta' uzu hazin ta' diskrezzjoni gjudizzjali li, wara kollox, tibqa'*

[1] Deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar it-8 t' Ottubru, 2009.

*dejjem sa certu punt soggettiva. Imma hu kaz lampanti ta' decizjoni kontra l-ligi.*

*Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Joseph Compagno**" [25.9.2003], l-artikolu 28A (7) (b) jiddisponi li :*

*"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu MA GHANDUX ISIR (emfasi ta' din il-Qorti) f' xi wiehed mill-kazijiet li gejjin :-*

*(b) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini tal-artikolu 50"*

***u la ma hemmx kwistjoni li l-appellat kien gie akkat ukoll bir-recidiva, ammetta l-akkuzi u l-addebitu tar-recidiva, l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza w kienet marbuta li tinfliggi l-piena applikabbli ghar-reati minnu ammessi w li kien instab hati taghhom u kwindi l-appell tal-Avukat Generali kien gustifikat skond il-ligi**.'*

In oltre, d-difiza ghan-nom tal-appellat waqt is-sottomissjonijiet taghha argumentat illi l-appellat ma setghex jinstab hati tar-recediva u dan stante li l-Qorti hija sajma mill-provi li jixhdu dan. Madankollu, din il-Qorti ma taqbilx ma din il-linja t'argumentazzjoni u taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Timothy Joe Forace**[2] fejn gie ritenut hekk:

***'23. Meta persuna tirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kontestati lilha, inkluż l-addebitu tar-reċidiva, dik l-ammissjoni hija meqjusa bħala il-"prova reġina" fis-sens li l-imputat ikun qiegħed jirrikonoxxi li huwa jkun***

[2] Deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar it-30 ta' Settembru, 2021.

***wettaq ir-reati kontestati lilu fl-att akkużatorju u fil-każ li jkun addebitat bir-reċidiva, huwa jkun ukoll aċċetta u rrikonoxxa li meta wettaq ir-reati kontestati lilu, huwa kien ukoll, f'dak il-mument kwalifikat bl-addebitu tar-reċidiva***. ***Bl-att tal-ammissjoni tiegħu l-imputat ikun qiegħed jeżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq provi relattivi għall-fini ta' sejbien ta' ħtija tal-imputazzjonijiet jew addebitu tar-reċidiva kontestat lilu u dan peress li l-ammissjoni ħielsa imtennija tiegħu titqies li tkun prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li huwa jkun verament wettaq ir-reati u/jew l-addebiti kontestati lilu skont kif ikunu ġew kontestati lilu. Jekk l-imputat ikollu xi dubju jew ma jkunx konvint minn dak li jkun qed jiġi kontestat lilu, huwa ħieles li ma jammettix u l-każ ikompli bil-proċedura normali. Iżda ġaladarba l-imputat ikun liberament u bl-għarfien tan-natura tal-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u l-konsegwenzi naxxennti mill-ammissjoni, irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u din l-ammissjoni tkun ġiet imtennija, allura ftit hemm xi tgħid iżjed. Huwa jkun irrikonoxxa l-ħtija tiegħu u jkun irrikonoxxa wkoll li issa jkun irid joqgħod għall-piena skont il-Liġi.***[3]

*24. Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali* ***Il-Pulizija vs. Sean Farrugia*** *tal-20 ta' Novembru 2020:*

*Fir-rigward tal aggravju li l-ewwel Qorti ma messitx sabet lill-appellant hati tal-akkzua ta' recidiva jinghad li huwa veru li l-Qorti ma tistax issib pesuna hatja talli hu recidiv semplicimenti a bazi tal-fedina penali tieghu pero' f'dan il-kaz mhux hekk gara*. ***L-ewwel Qorti sabitu hati talli huwa recidiv a bazi tal-ammissjoni tieghu***

[3] Enfasi ta' din il-Qorti.

***stess**. Meta l-appellant irregistra ammissjoni kien fl-istess hin qed jezenta lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tkompli tressaq il-provi taghha u f'dan il-kaz in vista tal-ammissjoni tal-appellant l-prosekuzzjoni ma kellhiex ghalfejn tesebixxi xi sentenzi li inghataw fil-konfront tieghu u dan ghaliex l-appellant kien gja ammetta dan il-fatt. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.*

*25. Apparti minn hekk, il-fatt li l-Prosekuzzjoni ma ppreżentatx kopji tas-sentenzi li minnhom tirriżulta r-reċidiva, huwa inkonsegwenzjali in kwantu f'dan il-każ, l-addebitu tar-reċidiva ġie debitament ammess mill-istess appellant. Fil-fatt, anke fil-kuntest ta' reati oħra li jeħtieġu l-prova ta' sentenzi preċedenti sabiex ikunu jistgħu jitqiesu pruvati, din il-Qorti diversi drabi tenniet li ġaladarba jkun hemm l-ammissjoni tal-imputat għar-reċidiva jew għal dak ir-reat, ma jkunx hemm ħtieġa li tinġieb din il-prova. Naturalment tkun storja oħra fil-każ li l-imputat jikkontesta kemm l-imputazzjonijiet kif ukoll l-addebitu tar-reċidiva. F'dak il-każ il-Prosekuzzjoni tkun obbligata li ġġib il-prova sħiħa, bħal ma din il-Qorti kif presjeduta saħqet fl-appell kriminali Johann Azzopardi msemmi aktar il-fuq.*

*26. Biss fil-każ t'ammissjoni li tkun ukoll tinkludi l-addebitu tar-reċidiva, il-prova sħiħa tar-reċidiva – inkluż is-sentenzi eċċetra - mhix meħtieġa li tinġieb mill-Prosekuzzjoni grazzi għall-fatt innifsu li l-imputat ikun ammetta għal dak l-addebitu. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Keith Pace** tal-25 t'April 2008 il-Prim'Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano kien stqarr hekk:*

*Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Jannar, 2008 li permezz taghha, fuq ammissjoni kif registrata fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2008 quddiem il-Qorti Inferjuri, sabet lill-imputat Keith Pace hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu (dik il-qorti pprecizat li fil-konfront ta' l-akkuzi dwar il-ksur ta' l-Artikolu 7 u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 "mhux ser taghti ebda provvediment stante li ebda*

*sentenza f'dan ir-rigward ma giet ezibita…biex il-Qorti tkun tista' tiehu konjizzjoni taghha[1] ).....*

--------------------------------------

*1. Minn din il-parti tas-sentenza ma sar ebda appell mill-Avukat Generali. Din il-Qorti – Qorti ta' l-Appell Kriminali – pero` jkollha tistqarr li hija haga ferm stamba li l-ewwel qorti, ghalkemm qed tiddikjara htija ghal dak li hu ksur tal-imsemmija Artikoli 7 u 22 tal-Kap. 446, ma tipprovdix kif mehtieg skond l-imsemmi Kap. 446. Kullma kellu jsir kien li l-ewwel qorti tordna lir-Registratur li jipprovdiha b'kopji legali tas-sentenzi relattivi galadarba ma kienx hemm aktar lok, bl-ammissjoni, li jitrassqu aktar provi mill-prosekuzzjoni. Pero`, kif inghad, ma hemmx appell min-naha ta' l-Avukat Generali.*

*27. **Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza dil-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi u tikkonsidra li l-appellant kien reċidiv skont kif ammetta huwa stess.[4]** B'hekk il-Qorti qegħda tiċħad l-ewwel aggravju.'*

L-appellat jargumenta illi l-ammissjoni tieghu saret wara li diga' kienu nghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni u li prova tar-recediva ma kienitx giet esebita mill-istess prosekuzzjoni. Illi, madankollu, kif gie ritenut *supra*, abbazi tal-ammissjoni stess tal-appellat, ma hemmx dubbju li l-Ewwel Qorti setghet legalment u regonevolment tiddeciedi wkoll fir-rigward tar-recediva. L-appellat setgha facilment jibqa' ghaddej bil-proceduri u fl-ahhar jikkontesta l-prova tar-recediva, madankollu stante li huwa ammetta l-akkuzi kollha fil-konfront tieghu, huwa rrikonoxxa l-htija tieghu ghall-imputazzjonijiet kollha, inkluz dik tar-recediva.

Id-difiza ssostni illi omm l-appellat ma telghetx tixhed fil-konfront ta' binha ghar-rigward il-mertu izda telghet tixhed nhar l-4 ta' Marzu, 2021[5] fejn qalet illi hija kienet

---

[4] Enfasi ta' din il-Qorti
[5] A fol. 79B

lesta taccettah go darha jekk jinghata l-helsien mill-arrest u dan sabiex tigbru ma hutu. In oltre gie enfasizzat li sad-data ta′ meta saru s-sottomisjonijiet u cioe′ sad-9 t′ April 2024 l-appellat kien ghadu jabitha taht l-istess saqaf ma′ ommu. Fl-ahharnet id-difiza pproponiet illi piena alternattiva idoneja fil-konfront tal-appellant hija dik li jaghmel xoghol fil-komunita′.

Illi din il-Qorti fliet l-atti kollha u sfortunatament jigi nnuttat illi l-appellat mhux novell ghall-hajja kriminali. Mill-fedina penali tieghu jidher bic-car illi fis-sena 2017 l-appellat inghata l-ewwel sentenza tieghu taht l-Att tal-Probation u cioe′ taht l-Artikolu 22 tal-istess Att. Sussegwentament f′ Lulju tas-sena 2019 l-appellat inghata ordni ta′ probation ghal zmien tmintax (18)-il xahar u dan minhabba li wettaq anke xi reati kontra l-istess parti leza tal-kaz odjern. F′ Novembru 2019 u cioe′ erba′ xhur biss wara l-ewwel ordni ta′ probation, l-appellat gie mghoti ordni ta′ probation ohra fil-konfront tal-appellat fejn gie mpost fuqu wkoll ordni ta′ trattament. In oltre, daqs sena wara gie mressaq b′arrest b′dawn l-akkuzi mertu tal-kaz odjern.

Illi b′dispjacir u dan anke qed jinghad wara li din il-Qorti taghat harsa lejn il-fedina penali aggornata tal-appellat, minkejja li dan tal-ahhar inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba, huwa ghazel li ma jaghmilx dan. Din il-Qorti hija favur li bniedem ghandu jinghata t-tieni cans u jekk hemm bzonn anke it-tielet cans, izda mhux meta ma jkunx hemm koperazzjoni u l-istess individwu jarmi kull opportunita′ li tigi fid-direzzjoni tieghu. Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fhema illi f′dan l-istadju, sanzjoni komunitarija mhux xierqa u in oltre l-appellat mhux kandidat idoneju ghal ordni ta′ servizz fil-komunita′.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa′ l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f′ dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellat hati tal-akkuzi numru wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5) u sebgha (7) minnu ammessi w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin mid-data tas-sentenza appellata skond l-artikolu

28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta w minnflok tikkundanna lill-appellat ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija effettivi.

In oltre, fir-rigward tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellat u cioe' dik rigwardanti l-ksur tal-probation, a tenur tal-Artikolu 23(1)(b) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tibghat l-appellat lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jigi ssentenzjat minnha. Ghaldaqstant din il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kawza jigi mibghuta wkoll lill-Ewwel Qorti.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef